**MINUTI**

**Laqgha b'Urgenza tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 56**

**Data:** 20 ta' Ottubru, 2016

**Hin:** 01.07pm

**Post:** Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Carmen Vella* | *Vici-Sindku* |
| *Shirley Anne Cecchini* | *Kunsillier* |
| *Anthony Camilleri* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

Emanuel Muscat kien informa lill-Kunsill li ma setghax jattendi u ghalhekk kien qieghed jigi skuzat.
L-Ambaxxatrici V16, Katrina Grima ma setghetx tattendi ghal-laqgha u ghalhekk kienet qed tigi skuzata.

---

## AGENDA

1. Hatra ta' Impjegat taht l-iskema tac-CIES.

2. Laqgha ma' l-Applikanti tal-PA5058/09.

3. Immanigjar tat-traffiku triq l-Gharb.

Kunsill Lokali - l-Gharb – Local Council
Triq il-Vizitazzjoni,
l-Gharb GRB 1044, Ghawdex
Tel: 21560556 Fax: 21562727

**1.0 Hatra ta' Impjegat l-iskema tac-CIES**

1.1 Is-Sindku spjega li kif kien diga gie diskuss fil-laqgha precedenti kien gie imwaqqaf bord kompost minn Shirley Anne Cecchini, Max Xuereb u Franky Bugeja sabiex jaghmlu l-*interviews.* Is-Sindku talab lil Shirley Anne Cecchini tispjega kif kien mexa l-board. Hi spjegat li l-board kien ipprepara ghadd ta' domandi differenti fosthom domandi teknici kif ukoll intweriet lista ta' ghodda sabiex dawn jispjegaw x'kienu. Skond ir-risposti li inghataw, il-bord ta' l-punti lil kull domanda li giet lilhom mistoqsija.

Is-Sindku fetah l-envelope issigilat li l-bord kien ghadda lill-Kunsill. Skond ir-rizultat kien hemm erba' persuni li attendew ghall-*interviews* fejn il-bord kien irrakomanda lil Paul Camenzuli ID24566G ghal dan l-impjieg.

Il-Kunsill qabel mar-rakkomandazzjoni tal-bord u ghalhekk gie maghzul is-Sur Paul Camenzuli ghal dan l-impjieg.

**2.0 Laqgha ma' l-Applikanti tal-PA5058/09**

2.1 Gew mistiedna fil-kamra tal-laqghat l-applikanti tal-PA5058/09, is-Sur Ruben Camilleri Cauchi u s-Sur Raymond Cauchi. Maghhom dahal fil-kamra ukoll is-Sur Michael Caruana.

Is-Sindku spjega li waqt il-laqgha tal-Kunsill numru 53 li saret fis-17 ta' Awissu, 2016 fejn kienu diskussi l-fabbriki tan-nar fiz-zona ta' San Dimitri. Ghal din il-laqgha li kienet ufficcjali seta' jattendi kulhadd kif titlob il-ligi. Il-laqgha li saret hekk kif intemmet l-laqgha numru 53 saret laqgha ohra privata mitluba mill-*objectors fir-rigward tal-PA5058/09. Wara li l-kunsill gie ghal konoxxenza ta' xi* kummenti fejn inghad li l-Kunsill kien irrifjuta li jiltaqa' ma' l-applikanti tal-PA5058/09 u li l-Kunsill kien qed b'xi mod jaghmel hsara lill-kamra hass il-htiega li tinzamm din il-laqgha ma' l-applikanti.

Ruben Camilleri Cauchi qal li min-naha taghhom huma ma kienux thallew jidhlu ghal-laqgha u li s-Sindku kien qallu li jekk ha jippruvaw jidhlu ser tingab il-pulizija. Hu zied jghid li huwa ddispjacih hafna li kienu tkeccew b'mod partikolari li kienu tkeccew mis-Sindku li huwa rapprezentant tal-Kunsill.

Is-Sindku spjega li meta xi hadd jitlob laqgha mas-Sindku jew mall-Kunsill

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| David Apap Agius | Emily Amatulli-Depasquale |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

dejjem semgha dak li jkollhom xi jghidu. Is-Sindku stqarr li ma jsib l-ebda problema li jiltaqa' u jzomm il-laqgha fuq kwalunkwe suggett. Id-differenza hija li meta tkun laqgha tal-Kunsill, din tkun pubblika u *streamed online* u ghalhekk jista' jidhol kulhadd ghalija u tinzamm l-ordni tal-laqgha skond il-provedimenti tal-ligi.

Is-Sindku spjega li meta tintalab laqgha privata din ghandha tinzamm il-privatezza taghha.

Ruben staqsa din kienetx kumbinazzjoni li l-laqgha ma' l-*objectors* saret wara l-laqgha. Is-Sindku spjega li l-membri tal-Kunsill huma fuq bazi volontarja u l-impenji fejn ikun possibli jinzammu fl-istess granet.

Ga la darba il-grupp li talab din l-laqgha, din inzammet fl-istess jum wara l-laqgha tal-Kunsill sabiex il-membri ma kellhomx ghalfejn jergghu jinqalghu ghal-laqgha ohra.

Is-Sindku kompla jghid li dak in-nhar fuq it-talba ta' Camilleri Cauchi u l-grupp talabhom jitolbu l-permess tal-grupp l-iehor biex jattendi ghal-laqgha u li jekk dawn jaccetaw ma kien qed isib l-ebda problema.

Is-Sur Camilleri Cauchi qal li hu kien staqsa lill-*objectors* pero' dawn ma tawhx wicc. Is-Sindku min-naha tieghu spjega li l-Kunsill iltaqa' fil-laqgha imsemmija wara talba li kienet saret mill-Avukat Dr. Joseph Grech.

Ruben qal li fl-opinjoni tieghu kulhadd ta l-punt tieghu pero' ma kienx hemm sincerita'.

Is-Sindku stieden lir-Ruben Camilleri Cauchi sabiex jekk jixtiequ li jiltaqghu ghal-laqgha mall-Kunsill jew fl-laqgha privata il-Kunsill ghandu l-bibien miftuha.

Ruben Camilleri Cauchi qal li huma kienu ssottomettew l-applikazzjoni taghhom fl-2009 u wara l-Kunsill kien ghamel referendum fejn holoq problema u l-Kunsill kien hadha kontra l-kumitat tan-Nar. Hu qal li huwa ma jaqbilx li ghandu ikun hawn aktar kmamar tan-nar ohra pero' ghad-dilettanti tan-Nar tal-Gharb ghandhom ikollhom il-kamra taghhom.

Is-Sindku qal li la darba kien hemm ir-referendum, il-Kunsill kellu jara n-

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

nies x'kienu qed jitolbu. Ruben Camilleri Cauchi wera li ma jaqblux mar-rizultat peress li numru ta' nies li vvutaw ma qabzux il-hamsin fil-mija u la darba ma vvutawx jista' jfisser hafna. Ruben Camilleri Cauchi qal li mhuwiex gust li intuza l-avukat u l-perit tal-Kunsill ghal dan l-iskop.

Is-Sindku qal li filwaqt li jirrispetta l-opinjoni taghhom ma jistax jaqbel ghaliex fl-ewwel ir-referendum kien miftuh ghal kulhadd bla ebda restrizzjoni. Ir-rizultat jista' jinqara biss fuq in-numru ta' dawk li hargu jivvutaw. Dawk li ma hargux jista' ghandhom opinjonijiet diversi. Il-Kunsill huwa obligat li jhares l-interess ta' dawk li jimpurtahom u hargu jivvutaw. Is-suggett sar *issue* importanti ghall-Kunsill u ghandu kull dritt li juza' s-servizz tal-professjonisti tal-Kunsill.

Is-Sindku informa lill-applikanti li l-Kunsill ircieva korrispondenza minghand il-MEPA sabiex jkun *objector.* Is-Sur Camilleri Cauchi talab kopja tal-korrispondenza imsemmija.

Fir-rigward tar-referendum Ruben Camilleri Cauchi qal li d-domanda ma kienetx gusta. Is-Sindku qal li din l-mistoqsija kienet saret b'qbil tal-Kunsill kollu.

Is-Sindku qal li mhux gust li z-zona ta' San Dimitri tkun allokata bhala zona tal-kmamar tan-Nar. Hu zied jghid li kulhadd ghandu dritt li japplika u jekk l-Kumitat tan-Nar ghandu kollox kif suppost m'ghandux ghalfejn jippreokkupa ruhu. Is-Sindku spega li l-Kunsill qatt ma kien *objector* fuq il-kamra tan-nar ta' l-Gharb. Is-Sindku qal li bhala awtorita' l-Kunsill ma jistax jivvantaggja jew jizvantaggja ghaliex ma jkunx gust. Hu spjega li l-Kunsill imexxi l-ghazla u r-rieda tal-poplu li ghogbu jivvota fir-referendum.

Is-Sur Camilleri Cauchi rega' sostna li m'ghandhomx l-istess opinjoni bhal tal-Kunsill fuq ir-referendum.

Is-Sindku rega' estenda invit lill-membri tal-Kumitat sabiex jekk jixtiequ li jaghmlu laqgha mall-Kunsill jistghu jaghmlu dan meta jridu u jekk jixtiequ tista' tkun kemm privata jew pubblika. Hu offra ukoll l-ghajnuna tal-Kunsill jekk il-kumitat jahseb li l-Kunsill jista' jghin f'xi haga.

L-applikanti hargu mill-kamra fis-1.31pm.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| David Apap Agius | Emily Amatulli-Depasquale |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

## 3.1 Immanigjar tat-traffiku Triq l-Gharb

3.1 Gew mistiedna jidhlu fil-kamra s-Sur Rupert Brooke u s-Sinjura Carmen Brooke.

Is-Sindku spjega li din il-gimgha kien hemm ilment fir-rigward tal-*parking space*/*loading/unloading* quddiem il-fabbrika tal-Gozo Glass Ltd fi Triq l-Gharb. Is-Sindku spjega li l-Kunsill ma kienx infurmat dwar dan u sar jaf biss meta l-gurnata ta' qabel is-Sinjura Brooke kienet cemplet lill-Kunsill u tkellmet mas-Segretarju Ezekuttiv. Huwa kompla jispjega li aktar kmieni fis-sena l-Kunsill kien iddiskuta din l-*issue* mall-persuni li ghandhom il-hanut fil-kantuniera. F'din il-laqgha l-Kunsill ma kienx qabel li jittiehed *parking* lir-residenti u kien issugerixxa li ghandhom jipparkjaw fejn il-muzew ta' Karmni Grima. Gie spjegat li kien hemm il-proposta sabiex tintuza l-*bus stop tat-trasport pubbliku.* Dakinhar is-Sindku kien spjega li l-Kunsill m'ghandux l-awtorita' japprova dan u jekk it-Transport Malta taghzel li tikkoncedi dan ghall-Kunsill jaqbel. L-istess fil-kaz ta' quddiem ir-residenzi li hemm imdahhla 'l gewwa 'l fuq mill-isqaq fi Triq Frangisk Portelli. Il-Kunsill kien qal li jekk ir-residenti ma jkollomx oggezjoni jista' jintuza' l-spazju meta l-*bus tkun* diehla lejn Triq Frangisk Portelli u mhux tipparkja kontra l-linja meta tkun hierga mill-istess triq. Gie spjegat ukoll li dak in-nhar li kienet saret il-laqgha s-sidien tal-hanut kienu qalu li fil-hanut ma jidhlux iktar minn *bus* wahda fl-istess waqt. Il-problema pero' hija li l-post fejn jinstab il-hanut huwa post krucjali u *cross road* importanti u ma tantx hemm fejn isir parkegg. Is-Sindku qal li kif kien diga spjega lis-Sur Andrew Brooke, huwa fid-dover tal-Pulizija u l-Awtorita' tal-Malta Transport ghandhom tiehu hsieb din il-problema.

3.2 Is-Sur Rupert Brooke qal li huwa infurmat li l-hanut imsemmi m'ghandux il-licenzja kif mitlub imma licenzja 4B li hija ta' *corner store.* Min-naha tieghu huwa spjega li fil-fabbrika li ghandu fit-triq ta' l-Gharb ghandu zewg *garages* u *full license*. Spjega ukoll li s-sidien tal-hanut kienu qeghdin jinfurmaw lit-turisti li l-hanut taghhom huwa l-crafts centre u s-sidien tal-hwienet tal-Villagg tas-Snajja ta' Dbiegi kienu qed jogezzjonaw ghal dan. Is-Sur Brooke zied jghid li la darba m'ghandhomx il-licenzja mitluba m'ghandhomx dritt lanqas li jwaqqfu l-*buses* hemmhekk. Is-Sinjura Carmen Brooke spjegat li fil-fatt huma u gejjin ghal-laqgha ftit minuti ilu kien hemm ostakli ghat-traffiku biex jghaddi miz-zona imsemmija.

Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien kiteb lill-awtoritajiet dwar din il-problema. Huwa zied jghid li bhala Kunsill m'ghandux guristizzjoni fuq certu materji u l-problema hija li l-Awtorita' m'humiex qed jiehdu l-azzjoni mehtiega.

| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
|---|---|
| David Apap Agius | Emily Amatulli-Depasquale |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Is-Sur Brooke qal li dawn is-sidien ghandhom *huts* gewwa l-Villagg tas-Snajja ta' Dbiegi li qed jintuzaw bhala stores u qed joperaw minn hanut fejn m'ghandux il-licenzja mehtiega.

Is-Sindku qal li huwa jifhem li s-Sur Andrew Brooke kien irrabjat pero' jekk jinqraw il-minuti u huwa rrefera ghalihom sewwa dakinhar il-Kunsill ma kienx ta ebda' tip ta' permess ghall-*parking* anzi kien talab sabiex ma jipparkjawx minhabba inkonvenjenza lir-residenti.

Is-Sur Brooke zied jghid li l-pjan taghhom kien li jwaqqfu t-turisti fejn il-hanut taghhom u jhallu l-*buses* fil-parking fejn Ta' Dbiegi pero' dan kien privat u s-sidien tal-hwienet tal-Villagg tas-Snajja ma' riedux hekk. Huwa qal ukoll li min-naha l-ohra biex thalli l-*buses* fejn il-muzew ta' Karmni Grima kien perikoluz.  Is-Sindku spjega li din kienet soluzzjoni biex ma jaghmlux inkonvenjenzi lir-residenti. Is-Sindku ried jiccara li m'ghandu xejn kontra l-kumpanija Gozo Glass Ltd. kif intqal mis-Sur Andrew Brooke . Fil-verita' l-Kunsill dejjem jipprova jaghti s-support mehtieg.

Is-Sindku spjega li fil-laqgha precedenti kienet diskussa korrispondenza fejn is-sidien ta' dan il-hanut imsemmi kienu marru ghand it-Transport Malta sabiex Triq Frangisk Portelli issir *one way* pero' l-Kunsill ma kienx qed jaqbel ma' din il-proposta. Min-naha l-ohra huwa qal li l-Kunsill huwa fid-dmir li jisma' lill-kulhadd. Is-Sindku stieden lis-Sinjuri Brooke sabiex jekk ghandhom bzonn ta' xi haga l-Kunsill fejn jista' huwa lest li jghin.

3.3 Is-Sur Rupert Brooke talab lis-Sindku biex jitkellem fuq punt differenti.  Is-Sindku laqa' din it-talba.  Is-Sur Brooke staqsa dwar meta ser isiru xi xogholijiet ta' manutenzjoni fl-isqaq ma' genb il-kazin tal-banda li bhalissa jinsab f'disastru. Is-Sindku spjega li huwa kellu diversi laqghat dwar dan l-isqaq mall-Perit Portelli u mas-Sur Anthony Debono min-naha tal-Public Works kif ukoll mall-Ministru ghal Ghawdex. Il-Kunsill kien intalab ukoll jipprepara l-livelli u fil-fatt il-pjanta kienet ingabet u ghaddiet lilhom.  Gie spjegat li aktar kmieni dalghodu kien gie inkarigat is-Sur Joe Sciberras sabiex jipprepara stima tat-triq.  Huwa spjega li l-Kunsill huwa rrabjat dwar din il-materja ghar-raguni li l-Ministru qed jaghti l-ordni sabiex jinbdew ix-xogholijiet pero' dawn l-ordnijiet qed jigu injorati u ma jsir xejn.  Is-Sindku spjega li kif tasal l-istima l-Kunsill ser jiddiskutija pero' ser ikun hemm somma sostanzjali sabiex isiru dawn ix-xogholijiet li sabiex issir mill-allokazzjoni tal-Kunsill tkun difficli.

Is-Sinjuri Brooke talbu skuza ghal mod kif gab ruhu ibinhom Andrew Brooke u rringrazzjaw lill-Kunsill ghal dak kollu li jwettaq versu l-lokalita' u r-residenti u hargu mill-kamra fis-2.01pm.

## 4.0 Materji ohra

4.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kienet ghaddeja diskussjoni bejn il-Kunsill ta' l-Gharb, San Lawrenz u Ghasri sabiex il-borza s-sewda tibda' tingabar nhar ta' Hamis minflok is-Sibt minhabba li hemm tul ta' zmien bejn wahda u l-ohra. Il-Kunsill iddiskuta' din il-materja fejn qabel li jekk il-Kunsilli l-ohra ikkoncernati jaqblu ghandha tingabar il-Hamis flok is-Sibt.

4.2 Giet diskussa korrispondenza li waslet mill-Kunsill Lokali Ghajnsielem fir-rigward ta' Bethlem f'Ghajnsielem fejn huma stiednu lill-Kunsill jippartecipa f'dan l-avveniment permezz ta' nies mil-lokalita' u anke jigu mistiedna n-nies mil-lokalita' Taljana fejn kien hemm il-gemellagg aktar kmieni din is-sena. Huma offrew li dawn jigu ospitati gewwa l-iskola ITS tal-Qala minghajr hlas. L-ispejjez tal-Kunsill ikunu biss tat-trasport u zewg ikliet. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

4.3 Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill kien gie avvicinat sabiex issir sagra fis-17 ta' Dicembru minn grupp ta' nies taljani minn Ortezzano gewwa l-Pjazza. Huma stess ser ikunu qed jiehdu hsieb li jippreparaw l-ikel u l-bejgh. Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta fejn hu qabel maghha u qabel li fl-istess waqt jista' jorganizza xi haga ohra ghall-okkazjoni.

4.4 Is-Sindku informa lill-Kunsill li bhalissa kien hemm applikazzjonijiet miftuha ghall-progetti taht il-programm Italia-Malta. Huwa ssugerixxa sabiex il-Kunsill jippartecipa f'dan il-programm. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

4.5 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-iskola kienet accettat li jsir il-Halloween Party waqt il-hin ta' l-iskola u dan ser isir nhar it-Tnejn 31 ta' Ottubru, 2016.

Il-laqgha spiccat fis-2.10pm.

Konfermati minn

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv